MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2008

Numru 399/2004

IL-PULIZIJA
SPETTUR STEPHEN MALLIA
VS
JASON ZAMMIT
JOSEPH ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Noel Attard, ta’ 31 sena, iben Louis u Violet nee’ Cassar, imwieled il-Pieta’ fl-20 ta’ Dicembru 1972, residenti fil-fond numru ‘33’, Triq Blackley, Pieta’, u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 14673(M). Jason Zammit ta’ 29 sena, iben Anthony u Annunziata nee’ Agius, imwieled il-Pieta’ fit-22 ta’ Novembru 1974, residenti fil-fond numru ‘54’, Triq Bormla, Rahal Gdid, u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ 557874(M). Joseph Zammit ta’ 20 sena, iben Anthony u Annunziata nee’ Agius, imwieled il-Pieta’ fit-30 ta’ Awissu 1983, residenti fil-fond ‘St. Anthony,’ Triq Tal-Barrani, Tarxien, u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru, 447283(M).

U akkuzati talli bejn it-18 u d-19 ta’ Ottubru 2003, fil-Pieta’, ikkommettew serq ta’ vettura tal-marka ‘**Maruti Gypsy**’ bin-numru tar-registrazzjoni **LAK 362**, liema serq hu kkwalifikat, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (LM100), bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment tal-kumpanija ‘Camptain Morgan Leisure Ltd.’ Ta’ Tas-Sliema u tal-‘Elmo Insurance ta’ Ta’ Xbiex;

Illi akkuzati wkoll talli; fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hi ta’ izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500), u cioe’ fl-imsemmija vettura tal-marka ‘**Maruti Gypsy**’ bin-numru tar-registrazzjoni **LAK 362**, ghad-detriment tal-kumpanija ‘Captain Morgan Leisure Ltd. Ta’ Tas-Sliema u tal-‘Elmo Insurance’ ta’ Tax-Xbiex;

Illi akkuzati wkoll talli; fil-lejl bejn it-3 u l-4 ta’ April 2004, fil-Pieta’, ikkommettew serq ta’ gaffa tal-marka ‘**Komatsu**’ Steer Skid Loader (mudell SK07J) li ghandha numru tax-chassis ‘**SK07SF20597**’, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000), bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta’ Dennis Farrugia mill-Mqabba;

Illi akkuzati wkoll talli; fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hi ta’ izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500), u cioe’ fl-imsemmija vettura tal-marka ‘Komatsu’ bin-numru tax-chassis ‘**SK07SF20597**’, ghad-detriment ta’ Dennis Farrugia mill-Mqabba.

Illi akkuzati wkoll talli; fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahhlu biex bieghhu jew mexxuhom, bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi akkuzati wkoll talli; flistess dati, lok, hin u cirkostanzi, malli saru jafu li xi haga li kienet fil-pussess taghhom kienet haga misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistata b'reat, naqsu li jgharrfu lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta hekk saru jafu, bi ksur tal-Artikolu 334A tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi Noel Attard u Jason Zammit wahedhom akkuzati talli; saru recedivi ai' termini tal-Artikolu 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi Jason Zammit wahdu akkuzat talli; kiser il-provedimenti tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'zewg sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-6 ta' Novembru 2000 u fid-29 ta' Ottubru 2001, f'liema sentenzi kien gie misjub hati ta' reati u lliberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin;

Illi Joseph Zammit wahdu akkuzat talli; kiser il-provedimenti tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-6 ta' Gunju 2002, f'liema sentenza kien gie misjub hati ta' reat u lliberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn;

Illi Joseph Zammit akkuzat ukoll talli; ghamel uzu tal-vettura **Ford Escort** bin-numru tar-registrazzjoni **AAN 268** ghal skopijiet ohra barra minn dawk li hi licenzjata ghalihom, u ghalhekk il-Qorti hi gentilment mitluba li tordna l-konfiska tal-istess vettura ai' favur il-Gvern ta' Malta;

Illi Noel Attard wahdu akkuzat talli; fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' April 2004 fil-Pieta', u fid-9 ta' April 2004 fil-Marsa, Blata l-Bajda, saq vettura tal-ghamla '**Maruti Gypsy**' bin-numru tar-registrazzjoni **LAK 362**, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellek licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputati.

Semghat il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti tat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat it-tlett 'presentencing reports' ta' l-imputati prezentat minn Marietta Lanzon (Dok.MC1 sa Dok.MC3)

Rat is-sentenza taghha fil-konfront ta' Noel Attard li miet fil-mori tal-kawza. Liema sentenza ggib id-data ta' 12 ta' Ottubru 2005.

Rat il-verbal tal-4 ta' Gunju 2007 fejn l-imputati hallsu l-pendenzi kollha taghhom lil Parte Civili.

Semghat it-trattazjoni tal-partijiet.

Ikkonsidrat;

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti ssib lill-imputati, Jason Zammit u Joseph Zammit, hatja ta' l-akkuzi kollha, ghajr l-akkuza ta' ricettazzjoni, cioe l-hames u s-sitt akkuza, li huma akkuzi alternattivi ghall-akkuzi ta' serq u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264, 267, 270, 271, 325, 262, 49, 50, 289, 280 tal-Kap.9, Artikolu 7 u 23 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, u tqeghdhom taht ordni ta' Probation taht is-supervizjoni tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat u dana ghall-perijodu ta' tlett snin. Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Probation Services illi l-Probation Officer Marietta Lanzon kienet hejjiet 'pre-sentencing report' ghall-imputati Zammit.

Din il-Piena qed tigi akkordata in vista ta’ l-eta’ giovanili ta’ l-imputati, l-fedina penali taghhom u r-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Probation Officer Marietta Lanzon. in vista tal-fatt li l-imputati hallsu l-hsarat illi wettqu fuq il-vetturi ndikati fic-citazzjoni u ghall-‘loss of use’ u in vista ta’ l-ammissjoni bikrija taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------